# Wara l-Kewkba ta' Betlehem

Iż-Żjara Pastorali ta'

**Mons. Mario Grech**

Isqof ta' Għawdex

f'Betlehem u Ġerusalemm

13-17 ta' Novembru 2006



Rapport minn **Dun Eddie Zammit**
Ritratti meħuda minn **Alvin Scicluna u Chris Pisani**





## L-istedina

**Is-sinjal għall-maġi biex jitilqu minn pajjiżhom fil-bogħod u jmorru jfittxu lis-sultan li twieled, ġie permezz ta' kewkba partikulari. Imxew warajha u sabu dak li fittxew. Xi ħaġa simili kien il-vjaġġ pastorali li għamel Mons. Isqof Mario Grech mit-13 sas-17 ta' Novembru 2006. Is-sinjal taż-żjara ġie f'forma ta' stedina mis-Sur Norman Hamilton, *producer* tat-televiżjoni biex isir dokumentarju dwar il-messaġġ ta' Betlehem għall-ġranet tal-Milied.**

It-Tnejn, 13 ta' Novembru, tlaqna minn Malta b'titjira lejn Ċipru. Jakkumpanjaw lill-Isqof kien hemm l-assistent personali Dun Eddie Zammit, il-ġurnalista Dr. Joe Mifsud, Alvin Scicluna u Chris Pisani, *cameramen,* u Pierre Cachia *producer*. Wara waqfa qasira f'Ċipru komplejna l-aħħar tappa qasira lejn Tel Aviv. Wasalna kmieni filgħodu ta' l-għada t-Tlieta. Stennejna ftit mhux ħażin sakemm ħriġna mill-ajruport minħabba raġunijiet ta' sigurtà, u xħin ħriġna sibna l-*minibus* tistenniena. Destinazzjoni: Betlehem. Il-*highway* li tgħaqqad l-ajruport 'Ben Gurion' ma' Ġerusalemm hija waħda moderna u tiflaħ għal traffiku kbir, però f'dawk il-ħinijiet li fihom il-ġurnata kienet għadha fl-ewwel sigħat tagħha, t-traffiku kont tgħoddu fuq id waħda. Matul it-triq stajna ninnutaw id-diversi rħula li hemm bejn il-belt moderna ta' Tel Aviv u Ġerusalemm, mdawlin, imma fl-istess waqt ħemdin f'dawk is-sigħat. Wasalna Ġerusalemm u t-triq lejn Betlem. "Distanza qasira", qalilna x-xufier palestinjan, imma taf tkun twila jekk minħabba s-sigurtà joqogħdu jreqqu...

## Il-Wasla f'Betlehem

Betlehem infatti hija bogħod xi 8 kilometri minn Ġerusalemm. Iżda minħabba li tagħmel parti mill-artijiet mgħoddija lill-Palestinjani fil-21 ta' Diċmebru 1995 wara l-ftehim ta' Oslo, illum hija mmexxija politikament mill-Awtorità Palestinjana. Wara l-qawmien ta' *Intifada* xi ftit snin ilu bl-atti terroristiċi li seħħew fl-inħawi, il-Gvern Lhudi dawwar ħajt kbir tal-*concrete* madwar it-territorju palestinjan. Prattikament dan fired fiżikament il-Palestinjani mill-kumplament tat-territorju Iżraeljan. Infatti kmiemi filgħodu xħin wasalna Betlehem kellna ngħaddu minn kanċell kbir tal-ħadid. U dan wara li ċċekkjawlna mill-ġdid id-dokumenti kif ukoll il-karrozza li konna ġo fiha. Ma kienx faċli li jinfetaħ dan il-kanċell kbir tal-ħadid, li milli jidher jiġri fuq ir-roti. Iltqajna ma' l-ewwel ostaklu! Żewġ suldati żgħażagħ lhud li kienu għassa miegħu, ppruvaw jiġbdu l-katina ħoxna li tmexxih imma ma rnexxilhomx. F'daqqa waħda ħareġ ix-xufier tal-*minibus* tagħna u b'saħħa u abilità mhux tas-soltu rnexxielu jiftħu waħdu. Ħadna n-nifs! Għaddejna aħna, u l-kanċell ingħalaq warajna kif jagħmel dejjem, wara kollox, għal dawk li joqogħdu f'Betlehem u m'għandhomx il-permess li jmorru Ġerusalemm jew postijiet oħra. Wasalna f'lukanda moderna, "*Betlehem Hotel*", sabiħa u komda, imma vojta! Konna l-uniċi nies fiha. Minħabba s-sigurtà, il-pellegrini u t-turisti sparixxew! U magħhom it-tama ta' ħafna palestinjani, fosthom ukoll numru kbir ta' nsara li jsibu futur f'pajjiżhom stess.


Dehra panoramika ta' Betlehem





Betlehem, belt ta' kważi 40,000 ruħ, sa ftit snin ilu kienet belt li jżuruha eluf ta' turisti fis-sena, l-aktar minħabba l-fatt li hemm seħħet l-akbar ġrajja tad-dinja. Sa ftit snin ilu l-belt kellha popolazzjoni nisranija. Illum dan m'għadux hekk u l-insara jinsabu f'Eżodu kontinwu. Illum il-popolazzjoni hija magħmula minn 62% musulmani u 38% nsara.

## L-Għelieqi u l-Għerien tar-Ragħajja

L-ewwel appuntament tagħna t-Tlieta filgħodu kien fl-għelieqi u l-għerien tar-Ragħajja. Jgħidilna Luqa l-Evanġelista (Lq 2:8-15) l-Anġlu deher lir-ragħajja li kienu qed jieħdu ħsieb il-merħliet tagħhom fil-kampanja ta' Betlehem u qalilhom: "Tibżgħux, ġejt inħabbrilkom ferħ kbir. Illum fil-Belt ta' David tweldilkom Salvatur li hu Kristu l-Mulej". Għalkemm storikament ma nistgħux nidentifikaw il-post eżatt fejn kienu r-ragħajja, t-tradizzjoni dejjem żammet dan il-post li jinsab ftit 'il barra mill-belt ta' Betlehem bħala post ta' devozzjoni b'rabta mal-ġrajja. San Ġirolmu (347-420 W.K.) li għex qrib l-għar ta' Betlehem għal diversi snin, jgħid li l-għelieqi tar-ragħajja kienu qrib it-torri ta' *Eder* (it-torri tal-merħliet), u l-Għar ta' Betlehem kien ma' l-elf pass, madwar kilometru, il-bogħod. Dan il-post, li llum hu kkurat mill-Kustodja Franġiskana, jismu *Deres Siar* (dar il-merħla), u fih instabu fdalijiet arkeoloġiċi li juru binjiet ta' knejjes tal-kult marbut mal-ġrajja tar-ragħajja. Il-knisja li hemm illum, mibnija bejn is-snin 1953-1954, saret fuq il-post fejn jaħsbu li kienu jgħixu r-ragħajja. Wara li Mons. Isqof talab f'din il-knisja u fl-għerien tal-madwar, li huma meqjusa bħala postijiet qaddisa, ġie rrekordjat filmat bl-ewwel riflessjoni tiegħu marbuta mal-ġrajja tat-tħabbira lir-ragħajja.

## Fil-Pjazza tal-Maxtura

Minn hemm erġajna tlajna Betlehem. Fil-qalba tal-belt insibu l-pjazza prinċipali, msejħa *Manger Square* (il-pjazza tal-maxtura). L-ewwel appuntament tagħna kien mas-Sindku tal-belt ta' Betlehem, Dr. Victor Batarseh, tabib kattoliku. Dan spjegalna li skond il-ftehim li għandhom f'Betlehem is-Sindku jiġi magħżul minn fost l-insara. Laqgħana ħafna u qasam magħna t-tħassib tiegħu fuq is-sitwazzjoni politika u ekonomika li għaddejja minnu l-belt ta' Betlehem bħalissa. Ħafna nies huma bla xogħol u l-biċċa l-kbira tal-ħaddiema ilhom ma jirċievu paga xhur sħaħ, minħabba li huma



Parti mill-ħajt li jaqsam l-belt ta' Betlehem




SANCTVARIVM S.S ANGELORVM
AD PASTORES
CANADA
AEDIFICANDVM CVRAVIT
A.D. MCMLIV



miżmuma l-fondi kollha tal-Awtorità tal-Palestina. B'dieqa f'qalbu qalilna "lanqas flus biex nixegħlu l-pjazza għall-Milied m'għandna." Mill-Kunsill Lokali ta' Betlehem qsamna l-pjazza u dħalna fil-Bażilika tan-Nativitá li hija mibnija fuq l-għar tat-twelid ta' Ġesù Bambin.

Il-bażilika li hemm illum inbniet wara l-ewwel waħda kostantinjana tar-4 seklu u li ġiet meqruda f'irvell tas-Samaritani tal-529 W.K. Kien bnieha l-Imperatur Ġustinjanu (527-65) u ra li jibni ukoll iż-żewġ indani taraġ li jwassal għall-grotta taħt il-presbiterju, fejn kewkba tal-fidda tindika l-post fejn Marija welldet lil Ġesù tarbija. Din il-Knisja rat minn kull xorta ta' ġlied u rvellijiet bejn il-popli li xtaqu dejjem jaħkmuha jew jeqirduha. Għal ftit ma nqerditx għal kollox mill-Persjani fl-invażjoni tagħhom fis-sena 614, imma b'xorti tajba raw immaġini tal-mużajk tas-slaten maġi lebsin ilbies persjan, u raw li hemm konnessjoni bejn il-kultura tagħhom u l-ġrajja tat-twelid ta' Ġesù. Il-Musulmani dejjem urew rispett lejn dan il-post qaddis. L-aħħar avveniment ikrah li rat il-bażilika kien wieħed riċenti li ħafna minna għadhom jiftakru għax kien fl-aħbarijiet. Qed nirreferi għall-ġrajja meta fis-sena 2002 il-Bażilika tan-Nativitá ġiet assedjata mill-qawwiet Lhud peress li iktar minn 300 Palestinjan daħlu jistkennu u jistaħbew fiha, wara li kienu daħlu għalihom l-qawwiet Lhud. L-assedju beda fit-2 t'April 2002 u ntemm 39 ġurnata wara. Inqatlu 7 persuni. Xi uħud mill-Patrijiet Franġiskani li kienu mdaħħlin fit-trattattivi mal-qawwiet Lhud, rrakuntawlna l-esperjenzi koroh li għaddew minnhom u xtaqu li jirreġistrawhom fid-dokumentarju li konna qegħdin naħdmu. Fosthom kien hemm Patri Ibrahim Faltas li kien il-kustodju tal-Knisja ta' Santa Katerina li tmiss mal-Bażilika tan-Nativitá, u li llum hu l-kappillan tal-Latini f'Ġerusalemm. Meta ltqajna miegħu f'Ġerusalem ried li jiddokumenta l-ġrajja kollha ta' dan l-Assedju tal-Knisja tan-Nativitá.

## Il-Knisja ta' Santa Katerina

Wara li tlabna għal xi mumenti fl-Għar fejn seħħet l-ikbar ġrajja, komplejna biż-żjara fil-knisja ta' Santa Katerina mmexxija mill-Patrijiet Franġiskani li nbiet fl-1881, fil-post fejn fl-1347 kien inbena l-ewwel Kunvent Franġiskan. F'din il-knisja ta' Santa Katerina ssir il-quddiesa ta' nofs il-lejl ta' nhar il-Milied Imqaddes, u wara l-quddiesa l-Patrijarka Latin ta' Ġeruslemm minn hemm imexxi l-purċissjoni bil-bambin tal-Milied u jpoġġih fil-maxtura ġewwa l-Għar. Immexxijin minn Patri Noel Muscat, inżilna fl-għerien ta' San Ġirolmu li għex f'dawn il-postijiet fil-bidu tas-seklu 3 u hemm fit-talb u fil-penitenza qaleb għal-Latin l-Iskrittura Mqaddsa, f'dik li baqgħet tissemma bħala l-*Vulgata*. F'dan il-post għażiż Monsinjur Isqof ukoll għamel mument ta' talb u f'riflessjoni li għamel esprima x-xewqa qaddisa tiegħu li l-Insara Maltin u Għawdxin isiru iktar midħla tal-Kelma t'Alla u jimmeditawha iktar fil-*Lectio Divina*.

Minn hemm Patri Noel, li għamel żmien Gwardjan tal-Franġiskani f'Għawdex, u llum jieħu ħsieb il-vokazzjonijiet franġiskani, tellagħna fil-Kunvent u laqqagħna ma' grupp ta' novizzi fil-kunvent ta' Betlehem. Spjegalna kif kuljum fl-4.30p.m. jieħdu sehem fil-purċissjoni li titlaq mill-knisja ta' Santa Katerina u tispiċċa fl-Għar tal-Bambin. F'dan l-Għar ukoll Monsinjur Isqof Mario Grech mexxa l-quddiesa fil-post riservat għalina msejjaħ l-Għar tal-Maġi, fejn hi














meqjuma ukoll il-maxtura ta' Ġesù Bambin. Anke hawnhekk Mons. Isqof fir-riflessjoni tiegħu tkellem dwar il-misteru tal-Inkarnazzjoni u t-tifsira li għandu jkollu għall-bniedem tal-lum. Tkellem ukoll dwar il-paċi u mexxa talb speċjali għad-diversi ħtiġijiet tal-Knisja Lokali u Universali. Filgħaxija Mons Isqof kellu żjara fiċ-Ċentru tal-Familja Franġiskana mmexxi mill-Maltija Sister Maria Grech li hija soru Missjunarja tal-Ordni Franġiskan ta' Marija (FMM). Spjegatilna kif bi skemi apposta u b'għajnuna li tirċievi minn għand organizazzjonijiet kattoliċi minn barra, hija qed tipprova tgħin lill-familji nsara ta' Betlem billi toffrilhom korsijiet li jgħinuhom għall-opportunitajiet ta' xogħol, pariri u *counseling* biex bħala familji jegħlbu d-diffikultajiet li kull ma jmur dejjem qed jiżdiedu. Barra minn hekk fi programm apposta hija tipprova tagħti għajnuna finanzjarja lil dawk il-familji fil-bżonn. Daħlet għal iktar minn proġett wieħed ta' restawr ta' djar qodma. Mons. Isqof Mario Grech qaddes għal din il-komunità fil-knisja tagħhom.

## Ġerusalemm

L-Erbgħa 15 ta' Novembru, Mons. Isqof kellu laqgħa fil-Patrijarkat Latin f'Ġerusalemm mal-Patrijarka Michel Sabbah. Kienet laqgħa kordjali ħafna u Mons. Sabbah għandu memorji sbieħ taż-żjara li kien għamel f'Malta ftit snin ilu. F'din il-laqgħa Mons. Sabbah tkellem dwar id-diffikultajiet li hemm għall-popolazzjoni nisranija bħalissa, imma kien pożittiv dwar il-futur tal-Knisja fl-Art Mqaddsa minħabba n-numru sabiħ ta' vokazzjonijiet. Wara kien imiss laqgħa oħra importanti fil-kunvent tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù li propju din is-



sena qed jiċċelebraw il-25 sena mill-wasla tagħhom f'din il-belt qaddisa. Hemm Mons. Isqof Mario Grech iltaqa' ma' numru ta' reliġjużi irġiel u nisa li qegħdin jaqdu pastoralment il-missjoni tagħhom fl-Art Mqaddsa. Is-sorijiet preżenti apprezzaw ħafna din iż-żjara ta' Mons. Isqof, u laqgħu bil-ferħ il-messaġġ ta' nkurraġiment li wasslilhom. F'Ġerusalemm Mons. Isqof għamel żjara fil-Bażilika tal-Qawmien u ħa sehem fil-purċissjoni li ssir kuljum filgħaxija fl-istess Bażilika fejn hemm il-qabar ta' Kristu. Żjara oħra sinjifikattiva f'Ġerusalemm Mons. Isqof għamilha lill-post taċ-Ċenaklu u hemm għamel mument ta' ġabra fit-talb u fis-skiet. Żgur li f'dawk il-mumenti ta' ġabra ħaseb dwar il-kelmiet li għażel bħala programm tal-episkopat tiegħu, "*In fractione Panis*", waqt il-qsim tal-ħobż. Hawn ukoll f'dan il-post qaddis Ġesu` waqqaf l-Ewkaristija u qasam il-ħobż qaddis ma' dawk li ħabb għall-aħħar!

## L-Universita` Kattolika ta' Betlem

Il-Ħamis l-aħħar ġurnata Mons. Isqof kien mistieden mill-Viċi-Kanċellier tal-Universita` ta' Betlem biex iżur l-Universita Kattolika f'din il-belt. Ġie milqugħ f'din l-Universita' minn Ms. Carol Sansour Dabdoub li hija d-direttur tar-relazzjonijiet pubbliċi, u minn Sister Patricia Crocford, soru Maltija li hija *lecturer* f'din l-Universita` li twaqqfet bil-ħidma tal-Papa Pawlu VI wara żjara li kien għamel f'din il-belt, u għadha s'issa sostnuta mis-Santa Sede. Mons. Isqof kien il-mistieden tal-unur fi pranzu mħejji mill-Istudenti tat-Istitut tat-Turiżmu fi ħdan l-istess Universita'. Matul iż-żjara qasira f'din l-Universita` Mons. Isqof ingħata tagħrif dwar l-għanijiet edukattivi ta' din l-istituzzjoni kif ukoll il-proġetti edukattivi li qed tipprova taħdem. Kien ta' sodisfazzjon għalina li l-Ministeru tal-Affarijiet Barranin Malti dan l-aħħar ħabbar skemi ta' għajnuna lil din l-Universita` biex ikunu jistgħu jinxtraw komputers ġodda li huma meħtieġa għar-riċerka fit-teknoloġija. Waħda mis-sostenituri ta' din l-Universita' hija Sr Crockford li ilha iktar minn 30 sena impenjata b'entużjażmu kbir fl-edukazzjoni tal-popolazzjoni ta' Betlehem, tant li illum hija personalita` magħrufa fil-belt. Minn fejn konna ngħaddu magħha kienu bosta dawk li jieqfu jkellmuha jew isellmulha.

## Konklużjoni

F'din iż-żjara pastorali, għalkemm qasira, l-preżenza ta' Mons. Isqof Mario Grech kienet ta' nkuraġġiment kbir għall-insara li huma mpenjati f'ħidmiet ta' paċi u solidarjeta` fl-Art Mqaddsa kollha, b'mod speċjali fil-belt ta' Betlehem, il-belt li fiha l-Mulej tagħna Ġesu` ġie biex jinawgura l-fidwa u l-paċi għall-bnedmin kollha. F'kumment li ta fi tmiem din iż-żjara, Mons. Isqof semma kemm baqa' mpressjonat bil-ħidma tar-reliġjużi Maltin li anki f'dan il-post, kultant mimli tensjoni u diffikultajiet, dawn ħutna qegħdin jagħrfu jagħtu xhieda li l-paċi hija possibbli għall-bnedmin kollha, indipendentament mill-kulur, razza, jew reliġjon. Mons. Isqof Mario Grech temm il-vjaġġ pastorali tiegħu bix-xewqa li iktar pellegrini jaraw is-sinjal tal-Kewkba ta' Betlehem u jħossu huma ukoll l-istedina li jżuru dawn l-postijiet mqaddsa, għax hemm il-fidi tagħna terġa' tiġġedded u tissaħħaħ.

*Iż-żjara ta' Mons Isqof ġiet dokumentata għat-televiżjoni u mistennija tixxandar fil-ġranet qrib il-Milied.*










